MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 299/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. K. Farrugia)**
**Vs**

**David Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 t'Ottubru, 2004 u matul dawn l-ahhar xhur, ghall-habta tad-21.10 hrs, u fis-27 t'Ottubru, 2004, ghall-habta tal-22.48 hrs, fi Triq il-Forn, Lija, bhala persuna li ghandu l-licenzja tal-hanut tax-xorb alkoholiku bl-isem "Three Villages Bar", li jinsab fi Triq il-Forn, Lija,**
**1) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija (PS 508 u PS 1122) waqt il-qadi ta' dmirijiethom;**

**2) esebixxa struttura tal-hadid, mejda u zewg siggijiet fi Triq il-Forn, Lija, minghajr licenzja tal-Awtorita' kompetenti;**
**3) ostakola s-sinjali tat-traffiku (double yellow line) li hemm mal-genb tal-hanut bl-imsemmija mejda, struttura tal-hadid.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 t'Ottubru, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 u l-artikolu 43 tal-Kap. 409, sabet lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi w ikkundannatu ghall-multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) bi tlett xhur zmien ghall-hlas, izda ma sabitux hati tat-tielet akkuza w illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2005 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara s-sentenza appellata nulla w kwindi tiddisponi minn dan l-appell skond il-ligi billi tirrimanda l-atti processwali quddiem l-Ewwel Qorti, u, subordinatament, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitx l-esponenti hati tat-tielet akkuza, tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel u t-tieni akkuza w konsegwentement tilliberah minn kull piena w htija skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat li l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. li s-sentenza appellata ghandha tigi annullata billi l-Ewwel Qorti naqset li tipprovdi ghad-difiza xierqa tal-appellant, ghaliex ma pposponietx il-kawza ghal ftit minuti sakemm seta' jasal l-Avukat difensur, kif kienet tenuta li taghmel skond il-ligi (art. 519 tal-Kap.9) u skond il-gurisprudenza tal-Qrati. 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ghaliex fil-granet indikati fic-citazzjoni, l-Pulizija ezekuttiva qatt ma tat-ordni cara u legittima lill-appellant sabiex inehhi l-istruttura tal-hadid, mejda w zewg siggijiet li kien hemm barra l-fond mertu ta' dan il-kaz.**

**Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2005;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni u l-provi fuq il-mertu bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju li wkoll gie trattat;**

Ikkonsidrat:

**Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, il-Qorti semghet ix-xhieda tal-**appellant **innifsu li qal li hu kien cempel lill-Avukat Busietta w infurmah bil-kawza. Umbaghad l-Avukat kien dahal fl-Awla w kellem lis-Supratendent, jekk mhux sejjer zball. L-Avukat umbaghad kien hareg mill-Awla jkellem xi nies u rega' gie wara xi ghaxar minuti. Ghall-mistoqsija tal-Qorti :** ***"Ghidtlu lill-Magistrat li ghandek avukat u li trid Avukat?"*** **, l-appellant wiegeb :** ***"Lanqas tawni cans nitkellem . Il-Magistrat lill kull hadd staqsiet jekk kellhomx avukat. Lili ma staqsietx."*** **Zied jghid ghad-domanda tal-Qorti jekk hu qalilhiex lill-Magistrat, li hu ghandu Avukat, wiegeb ma jafx kif jahdmu dawn l-affarijiet , ghax ma tantx jiffrekwenta l-Qorti.**

**L-Ispettur** Kevin Farrugia **xehed li lilu ma kien kellmu ebda avukat u hu kien biss bidel lill-Ispettur tas-seduta w kompla bis-seduta wara li l-Ispettur Aquilina kien issejjah f' awla ohra tal-Qrati. Ghalhekk hu ma jaf xejn dwar avukat.**

**L-Ispettur** Victor Aquilina **kull ma seta' jghid kien li f' kull seduta jmorru jkellmuh xi avukati w li ma kienx jiftakar dak li sar dak in-nhar.**

**Dr. Stephen Tonna** Lowell ghall-Prosekuzzjoni kkonferma li fil-mument li saret il-kawza l-appellant ma kellux avukat ghax ikkonferma ma' l-ufficjal prosekutur.

Ikkonsidrat ;

Li ghalkemm mhux kontestat li l-appellant ma kienx assistit waqt is-smiegh tal-kawza w, ovvjament waqt l-ghoti tas-sentenza, ma jirrizultax li hu b' xi mod talab lill-Ewwel Qorti li jkun assistit minn Avukat. Anki jekk wiehed jiehu bhala fatt dak li gie allegat mill-appellant li l-Avukat Busietta kien kellem lis-Supratendent (Sic!), dan ma jfissirx li xi rikjesta ghall-posponiment li seta' ghamel l-Avukat lill-dan l-ufficjal tal-Pulizija, kienet waslet ghall-widnejn il-Magistrat li kienet qed tippresjedi fil-kawza. L-appellant pero' jsostni li l-Magistrat ma staqsietux jekk kellux Avukat meta lill-imputati l-ohra kienet qed tistaqsihom dwar dan.

Illi kif korrettement issottometta l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu w waqt it-trattazzjoni ta' dan l-aggravju, din il-kwistjoni tal-assistenza legali quddiem il-Qrati tal-Magistrati fil-proceduri sommarji giet investita minn din il-Qorti kif preseduta w anki diversament preseduta diversi drabi.

Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Brian Fenech**"[30.6.2004] li :-

**"L-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li *"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."***

**Illi din il-Qorti diversament preseduta mhux l-ewwel darba li esprimiet ruha kif irid jigi tutelat dan id-dritt. Fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Bernard Grech**" [23.9.1998]. (per V. De Gaetano J.) il-Qorti irriteniet li f' dak il-kaz**
***".....l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519 . Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l-imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor , jew f' kaz li ma jirmexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnonminalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici . Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li***

***tkompli bil-kawza – li wara kollox hi wahda sommarja – dik il-gurnata stess, wara li naturalment , taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza . Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan , u minnflok ghaddiet minnufieh biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza , u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le , hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 1998, fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Michelina Apap." Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' l-ewwel sentenza ."***

**Illi kif gja esprimiet ruha fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Brian Fenech**" fuq citata, din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mall-Qrati tal-Magistrati li ovvjament dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu, bir-ragun, iwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom w tapprezza ukoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero', fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ladarba jkun jidher evidenti li l-imputat ikollu l-avukat tieghu, l-Ewwel Qorti trid tipposponi l-kawza ghall-aktar tard, sabiex jilhaq jigi l-Avukat tieghu. Jekk, meta umbaghad terga tissejjah il-kawza, l-avukat tal-imputat jerga' jibqa' ma jidhirx, il-Qorti tkun trid tordnalu li jsib avukat iehor u, jekk dan ma jkunx possibbli, l-ewwel Qorti tghaddi biex tappuntalu hi stess avukat iehor. (Ara wkoll f' dan is-sens l-App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Aldo Spiteri" **[15.7.2004]. )**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-*prime note* tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti ma jirrizultax li l-appellant kien talab li jissejjah l-Avukat tieghu jew li nforma lill-Ewwel Qorti li hu kellu xi Avukat u fil-fatt dan lanqas jghidu l-appellant illum. Jghid biss li ma giex mistoqsi mill-Magistrat jekk**

**kellux avukat. Certament dak li seta' qal jew ma qalx l-Avukat Busietta li xi wiehed mill-ufficjali prosekuturi li dak in-nhar f' xi hinijiet differenti kienu qed jaghmlu l-prosekuzzjoni, qatt ma jista' jammonta ghal talba lill-Qorti ghall-assistenza legali jew ghal xi posponiment sabiex ikun jista' jattendi l-avukat. Kien jispetta lid-Difensur li, jekk ma setax jistenna fl-awla minnhabba xoghol iehor, ghall-inqas jinforma b' dan jew lill-Magistrat direttament jew , jekk dan ma jkunx possibbli, lid-Deputat Registratur tal-Awla.**

**Mela f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti zgur li ma kelliex talba biex l-appellant ikun assistit minn Avukat , talba li setghet saret kemm mill-imputat innifsu meta kienet issejhet il-kawza tieghu, kif ukoll mill-Avukat koncernat precedentement kif fuq intqal. Ghalhekk ma kienx jidher evidenti li l-appellant kellu avukat u li ried il-kawza ssir bl-assistenza tieghu**

**Fil-fehma ta' din il-Qorti, konsidrata l-pressjoni ta' xoghol li tahtha jahdmu l-Qrati tal-Magistrati, mhux l-obbligu tal-Magistrat sedenti li joqghod isaqsi lill-kull imputat li jidhol quddiemu (u dawn gieli jkunu mijiet f' seduta wahda) jekk ikollux avukat . U meta l-istess imputat ma jissenjalax lill-Qorti li hu jkun qabbad avukat jew li jrid ikun assistit minn Avukat, mhux id-dmir tal-Qorti li toqghod tistaqsieh hi jekk ghandux avukat jew le.**

**Ghalhekk fil-kaz in ezami, w fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma tiskattax il-procedura traccata minn din il-Qorti fis-sentenzi fuq citati w l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tisma' l-kawza sommarja w tiddeciediha kif fil-fatt ghamlet.**

**Ghalhekk l-Ewwel aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza qed jigi respint.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar il-mertu , l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-**

PS 508 Frans Bezzina **xehed li fil-25 u s-27 ta' Lulju, 2004 u fil-25 t' Ottubru, 2004 hu kien mar fil-hanut tal-appellant. Fl-ahhar okkazzjoni kienu xid-9.10 pm u kien prezenti l-appellant. Kien ralu struttura tal-hadid twila ftit inqas mill-bank tal-Qorti, xi zewg metri, b' zewg saqajn, li kienu jigu fuq id-*double yellow lines* li kien hemm fit-triq taht il-bankina. L-appellant kien gie mwissi diversi drabi biex inehhi din l-istruttura, inkluz fid-dati li kien ghadu kif semma. Dak in-nhar tal-25 t' Ottubru, 2004, l-appellant ma nehhihiiex u halliha hemm u ghalhekk hu kien qal lill-appellant li ser iharrku. Meta hu rega mar fuq il-post jumejn qabel ma kien qed jixhed quddiem din il-Qorti, cioe' fid-19 ta' Novembru, 2005, l-istruttura ma kienx ghadha hemm.**

PS 1122 Arthur Rizzo **xehed li fis-27 t' Ottubru, 2004, ghall-habta tal-10.48 pm kien ghamel *inspection* gewwa The Village Pub , fi Triq il-Forn , Hal-Lija fejn kien prezenti l-appellant . Kien iccekkjalu l-licenzji u kollox kien sew pero' kellu mejda fuq il-bankina fi Triq il-Forn. Din kienet struttura tal-hadid dritta b' injama fil-wicc li kienu juzawha biex iqeghdu t-tazzi w l-affarijiet fuqha. Meta staqsieh jekk kellux permess mill-MEPA, l-appellant kien wiegeb li ma kellux. Hu kien jaf li jumejn qabel fil-25 t' Ottubru, 2004, kien mar hemm PS Bezzina li kien ordna lill-appelant biex inehhiha, pero' din il-mejda kienet baqghet hemmhekk. Tant li kienu gja hargulu c-charges. Lilu kienu nfurmawh biex meta jaghmel *inspection* jara jekk il-mejda kientx ghadha hemmhekk. Meta hu kien ordna lill-appellant biex inehhiha, dak il-hin obda w nehhiha. Ic-charge dwar li ma obdiex l-ordni legittima jirrigwarda l-ordni li kien tah PS Bezzina jumejn qabel. Hu kien ivverifika mall-MEPA w gie infurmat li ma kienx hemm permess ghall-mejda. Jaf pero' li issa saret applikazzjoni li ghadha pendenti, skond ma qallu l-appellant stess.**

Dr. Michael Camilleri **xehed in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority li David Grech hu l-licencee tal-Village Pub 41/42 Bakery Street, Lija u kien ilu hekk**

**mill-11 ta' Dicembru, 2003. Hemm ukoll licenzja ghall-istabiliment Three Villages Bar ta' 158 , Triq il-Kbira, Balzan f' isem Maria Concetta Grech. L-appellant ghandu licenzja bhala bar 2nd. Class u m'ghandux permess biex jaghmel imwjjed barra la f' post u lanqas f' l-iehor.**

L-appellant **ma xehedx ghalkemm kien xehed quddiem l-ewwel Qorti. (ara verbal a fol.5)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi minn dawn il-provi jirrizulta li l-Pulizija kienet tat diversi ordnijiet lill-appellant biex inehhi l-istruttura tal-hadid u partikolarment inghatat tali ordni minn PS Bezzina fil-25 t' Ottubru, 2004. Din l-ordni l-appellant mhux biss ma obdihiex dak il-hin izda sa jumejn wara , meta mar biex jaghmel *inspection* PS Rizzo , din l-istruttura kienet ghadha hemm u kien biss meta PS Rizzo rega ordna mill-gdid lill-appellant biex inehhiha, li l-appellant nehhiha dak in-nhar. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata.**

**L-istess ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni. Irrizulta li l-ebda wiehed miz-zewg stabilimenti ma ghandhom permess li jitpoggew imwejjed barra, tant li l-istess appellant kien qal lis-Surgent li ghandu applikazzjoni pendenti biex ikun jista' jaghmel dan . Ghalhekk anki din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata.**

**Illi anki jekk l-isem tal-istabiliment li tieghu l-appellant hu l-licencee ma giex indikat bi precizjoni fil-kompparixxi, ma hemmx dubju li hu kien jaf fuq liema stabiliment kien qed jigi akkuzat u dan la jgib in-nullita' tal-komparixxi w lanqas tas-sentenza, fejn tinsab riprodotta l-akkuza, li hi korretta ghar-rigward tal-hin, data u lok , Hal-Lija w sahansitra l-isem tat-Triq , cioe' Triq il-Forn.**

**F' kull kaz umbaghad ma hemm ebda aggravju fir-rikors tal-appell dwar din id-diskrepanza zghira fl-isem tal-hanut u hija l-gurispudenza kostanti ta' din**

**il-Qorti li ma tistax tikkonsidra difizi li ma gewx espressament imqajjma bhala aggravji fir-rikors tal-appell, ghax altrimenti tkun qed teludi w ggib fix-xejn il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. (Ara. App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Nicholas Debono” **[30.9.1994] u ohrajn).**

**Ghalhekk l-aggravju dwar il-mertu qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’ dana li z-zmien ghall-hlas tal-multa akkordat mill-Ewwel Qorti jibda’ jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------